TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 144/17-F

**Patricia Azzopardi**

**vs**

**Mizz Trading Ltd. – Mark Mizzi**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 t'Awwissu, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' elf ewro (€1,000), rappreżentanti l-prezz tal-madum tal-kmamar tal-banju li wara li s-soċjeta' ntimata ħadithom lura, ma kinitx ħallsitha id-differenza lura.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat tlett kwalitajiet ta' madum għal kmamar tal-banju u l-feature wall ma wasalx minkejja li għadda ħafna żmien.

Is-soċjeta' ntimata kienet ħadet l-affarijiet lura kollha pero' kull ma ħallset ammont kien ta' €200 u €431 u li kien baqa' jħallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000).

**It-Tribunal jinnota:**

It-Tribunal, jinnota li l-intimat għalkemm debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, inklużi dawk tal-Affissjoni u Pubblikazzjoni.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888